

32005D0619

L 214/66

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.8.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Awwissu 2005

li temenda għas-sitt darba d-Deċiżjoni 2004/122/KE li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influenza ta' l-għasafar f'ċerti pajjiżi Ażjatiċi

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 3183)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/619/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 22 (1) u (6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/122/KE li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni rigward l-influenza ta' l-għasafar f'ċerti pajjiżi Ażjatiċi ⁽³⁾ ġiet adottata b'reazzjoni għat-tifqigħat ta' l-influenza ta' l-għasafar f'għadd ta' pajjiżi Ażjatiċi.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/666/KE li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimal u ċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjoni ta' għasafar, barra mit-tjur u l-kondizzjonijiet għall-kwarantina ⁽⁴⁾ tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonji ta' l-għasafar minn pajjiżi terzi elenkati bħala membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE - *World Organisation for Animal Health*) u li daww l-għasafar għandhom ikunu suġġetti għal kwarantina u jkunu eżaminati mad-dħul tagħhom fil-Komunità.
- (3) Ir-Russja kkonfermat mal-Kummissjoni tifqigħa ta' l-influenza ta' l-għasafar H5N1 fit-territorju tagħha nhar il-5 ta' Awwissu 2005.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1), verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 36, 7.2.2004, p. 59. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/390/KE (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 77).

⁽⁴⁾ ĠU L 278, 31.10.2000, p. 26. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2002/279/KE (ĠU L 99, 16.4.2002, p. 17).

(4) Il-Każakstan ikkonferma tifqigħa ta' l-influenza ta' l-għasafar H5 lill-OIE minkejja li t-tip ta' nuwraminidasi għadu mhux magħruf. Madankollu fid-dawl tal-prossimità mat-tifqigħa fir-Russja, aktarx li huwa l-istess varjant.

(5) Il-Każakstan u r-Russja huma membri ta' l-OIE u skond dan l-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-importazzjoni ta' l-għasafar, għajr it-tjur ta' l-irziezet, minn dawn il-pajjiżi skond id-Deċiżjoni 2000/666/KE. B'kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi potenzjali serji marbuta mal-varjant speċifiku tal-vajrus ta' l-influenza ta' l-għasafar (H5N1) inkwistjoni, li huwa l-istess bħall dak ikkonfermat f'għadd ta' pajjiżi Ażjatiċi, l-importazzjoni ta' dawn l-għasafar mill-Każakstan u r-Russja għandha tiġi sospiża bħala miżura prekawzjonali.

(6) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardjaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman ⁽⁵⁾, l-importazzjoni tar-rix u partijiet mir-rix mhux proċessati li jkunu ġejjin mill-Każakstan u r-Russja hija awtorizzata. Invista tas-sitwazzjoni kurrenti tal-marda fil-Każakstan u r-Russja, dik l-importazzjoni għandha tiġi sospiża wkoll bħala miżura prekawzjonali.

(7) L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/122/KE jissospendi l-importazzjoni minn ċerti pajjiżi terzi tar-rix jew partijiet mir-rix mhux ipproċessati u għasafar ħajjin għajr it-tjur ta' l-irziezet, kif imfisser fid-Deċiżjoni 2000/666/KE. Għaldaqstant, fl-interessi tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika, il-Każakstan u r-Russja għandhom jingħaddu mal-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/122/KE.

(8) Id-Deċiżjoni 2004/122/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

⁽⁵⁾ ĠU L 273, 10.10.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2005 (ĠU L 66, 12.3.2005, p. 10).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/122/KE hija emendata kif ġej:

1. Fit-titolu, il-kelmiet “li tikkonċerna ċerti miżuri ta’ protezzjoni rigward l-influenza ta’ l-għasafar f’ċerti pajjiżi Ażjatiċi” jinbidlu b’“li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta’ l-influenza ta’ l-għasafar f’ċerti pajjiżi terzi”.

2. L-Artikolu 4 (1) tad-Deċiżjoni 2004/122/KE jinbidel b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jissospendu l-importazzjoni mill-Kambodja, iċ-Ċina inkluż Hong Kong, l-Indoneżja, il-Każakstan, il-Laos, il-Malażja, il-Korea ta’ Fuq, il-Pakistan, ir-Russja, it-Tajlandja u l-Vjetnam ta’:

— rix u partijiet minn rix mhux proċessati, u

— ‘għasafar ħajjin għajr it-tjur ta’ l-irziezet’ kif imfissra fl-Artikolu 1, it-tielet inċiż, tad-Deċiżjoni 2000/666/KE, inklużi l-għasafar li jakkompanjaw lill-sidhom (għasafar miżmuma bħala pets).”

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri applikati minn-hom sabiex dawn jinġiebu f’konformità ma’ din id-Deċiżjoni u għandhom minnufih jagħmlu l-pubbliċità li jixraq lill-miżuri adottati. Huma għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta’ Awwissu 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni